MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-2 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 78/2007

**A B**
**vs**
**CB f' isimha proprju u ghan-nom tal-minuri D B,**
**u id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi r-rikorrent u l-intimata CB zzewgu f' Malta fil-31 ta' Jannar tas-sena 1997 (skond l-anness certifikat taz-zwieg immarkat Dok. A) u minn dan iz-zwieg kellhom tifla wahda, Nicole B li twieldet fl-1 ta' April tas-sena 1998 (skond l-anness certifikat tat-twelid immarkat Dok. B);

Illi l-kontendenti konjugi B ilhom separati de facto mill-4 ta' Settembru tas-sena 2005 f' liema data l-intimata CB

qabdet u telqet mid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri Nicole.

Illi l-kontendenti qatt ma regghu kkoabitaw flimkien minn dik id-data;

Illi ricentement r-rikorrent sar jaf illi fil-5 ta' Dicembru 2006 l-intimata welldet tarbija li inghatat l-isem D u l-kunjom ta' B kif jidher fic-certifikat tat-twelid anness ma' dan ir-rikors u mmarkat Dok. C;

Illi din it-tarbija m' hijix bint l-attur nonostante li giet registrata hekk izda twieldet minn relazzjoni extra konjugali li l-intimata kellha ma' terza persuna li ismu mhux maghruf; fil-fatt fil-perjodu preskritt mill-ligi huma kienu gja separati fil-fatt u l-intimata hbiet it-tqala taghha u t-twelid taghha u r-rikorrent sar jaf bit-twelid diversi xhur wara;

Illi, sahansitra, r-rikorrent ma ghandux hjiel fejn qeghdin jabitaw martu l-intimata u l-minuri Nicole, u dan stante li l-intimata rrifjutat li tizvela l-indirizz taghha bhal ma sejjer jigi pruvat fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors. L-esponent qieghed jindika, fuq dan ir-rikors l-ahhar indirizz ta' l-intimita li jaf.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet hawn fuq indikati:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li t-tarbija D li twieldet lill-konvenuta fil-5 ta' Dicembru, 2006 m' hijix bint ir-rikorrent okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

2. Tordna li ssir l-annotazzjoni necessarja fl-att tat-twelid li jgib in-numru 3994 (tliet elef disa' mija u erbgha u disghin) tas-sena 2006 (elfejn u sitta) billi fil-kolonna intestata "isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" minflok isem l-attur jitnizzel "mhux maghruf" jew dik l-annotazzjoni li jidrilha xierqa l-istess Qorti, kif ukoll issir korrezzjoni fil-kunjom tal-minuri fis-sens li l-kunjom B jigi sostitwit bil-kunjom Cilia;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, ir-rikorrent ghandu jitlob li jigu kkancellati d-dettalji personali kollha tieghu mill-kolonni rispettivi fuq l-Att tat-Twelid.

3. Illi l-interessi tal-minuri ghandhom jigu rapprezentati minn kuraturi deputati stante illi jista’ jkun hemm kunflitt ta’ interess.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta CB li biha eccepiet:

1. Illi l-partijiet huma separati de facto u ilhom hekk separati minn Settembru 2005. L-esponenti infirdet fattwalment minn zewgha ghal ragunijiet gusti li kellha l-esponenti kontra l-attur zewgha, liema ragunijiet hi qed tiddeducihom f’ kontro talba opportuna ta’ kawza ta’ separazzjoni personali fl-istess premessi.

2. Illi l-esponenti taqbel li t-tifla D B m’ hijix it-tifla naturali ta’ A B u dan minghajr ebda pregudizzju ghat-

talbiet taghha dedotti fil-kawza ta’ separazzjoni stante li tirritjeni li zewgha kien hati tal-firda.

3. Ghal dawn ir-ragunijiet u bir-riservi fuq premessi taqbel ma’ l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent.

4. Bl-ispejjez.

Rat ir-rapport[1] xjentifiku prezentat u mahluf mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla D, registrata bil-kunjom B, li twieldet fil-5 ta’ Dicembru 2006, mhijiex il-wild naturali tieghu; u talab il-konsegwenzjali korrezzjoni fl-att tat-twelid tat-tifla, bin-numru 3994/06.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta mhux kontraddett li l-attur izzewweg lill-konvenuta CB fil-31 ta’ Jannar 1997; izda sseparaw de facto fl-4 ta’ Settembru 2005 meta l-istess konvenuta telqet mid-dar konjugali. Jirrizulta li l-ahhar relazzjonijiet intimi li kellhom bejniethom sehhew fis-sena 1999. Sussegwentement fil-5 ta’ Dicembru 2006 il-konvenuta CB welldet lit-tifla D minn relazzjoni extra matrimonjali.

Illi l-attur jghid li l-konvenuta hbiet minnu t-tqala, u anke t-twelid tat-tifla, u sar jaf bit-twelid tat-tifla D wara diversi xhur. L-istess konvenuta kkonfermat bil-gurament li din it-tifla mhijiex il-wild naturali ta’ l-attur.

Dan jinsab xjentifikament korroborat mir-rizultanzi tat-testijiet tad-DNA li saru minn kampjuni elevati minn fuq il-

[1] Fol.46 *et seq.*

persuna taghha, tat-tifla D u ta' l-attur, li eskludew lil dan ta' l-ahhar bhala l-missier naturali tat-tifla.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talbiet ta' l-attur; u tiddikjara li t-tifla D B li twieldet mill-konvenuta CB fil-5 ta' Dicembru 2006 mhijiex il-wild naturali tieghu; u konsegwentement tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 3994/06 fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta CB proprio.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------